MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 422/1993/1

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited**

**Vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att** tac-**citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi:

PREMESS ILLI s-socjeta' attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' sebat elef u tmienja u disghin Lira (Lm7,098) u liema flus kienu pretizi ndebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-*levy* allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' '*Pims Biscuits', 'TUC Salted Cocktail Crackers'* meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 9847A minnu rilaxxjata fl-24 ta' Ottubru 1989 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti 'A', 'B', 'C' u 'D';

PREMESS ILLI l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa ndebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala imposta skond l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXX1 ta' l-1989);

PREMESS ILLI l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex mghandiex din il-qorti:

1. Tikkundannah ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef u tmienja u disghin Lira (Lm7,098) liema flus kienu pretizi ndebitament mill-konvenut ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu ndebitament mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-imghax minn notifika ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol. 3 tal-process

Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni hi preskritta a terminu ta’ l-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti lokali (Kap 336) artikolu 8 (2).

2. Illi fi kwalunkwe kaz hemm karenza ta’ interess guridiku stante li l-flus li hallsu bhala *levy* gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut, u klijenti ohra taghha stess li hallsu mhux biss ghall-*levy* lill-atturi stess izda l-istess atturi hadu wkoll percentagg ta’ qligh fuq dan l-istess hlas ta’ levy.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 107 li biha cahdet l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Rat il-verbal a fol 117;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba u eccezzjonijiet**

L-attur noe qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm7,098 imhallsa bhala *levy* fuq prodotti importati minnu meta, skond l-stess attur, fuq dawn il-prodotti mhux suppost tithallas levy. (Ara Dok a fol 8).

L-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni giet michuda b’sentenza ta’ dina l-Qorti tat 3 ta’ Ottubru 1996.

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li biha qed jeccepixxi n-nuqqas ta’ interess guridiku da parti ta’ l-attur stante li l-flus li huwa hallas bhala *levy* gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut, u klijenti ohra tieghu stess li hallsu mhux biss ghall-*levy* lill-attur stess izda l-istess attur ha wkoll percentagg ta’ qligh fuq dan l-istess hlas ta’ levy.

Illi dina l-eccezzjoni kienet tqajment mill-konvenut f'diversi kawzi fl-istess ismijiet fosthom l-kawza 418/1993 deciza mill-Qorti ta' l-Appell li kienet qalbet sentenza tal-Qorti tal-Prim Awla li kienet iddecidiet li l-atturi kellhom interess guridiku li jitolbu r-rifusjoni tal-*levy* imhallas indebitament.

**Kontestazzjoni**

L-attur nomine, minkejja dina s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, isostni li, ghalkemm huwa jaqbel ma' l-esposizzjoni tal-ligi dwar it-talba ta' l-indebitu maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, huwa ma jaqbilx ma' l-analizi tal-fatti maghmula mill-istess Qorti cjoe li l-attur kien thallas lura l-ammont ta' imposta li hallas, u jekk jigu rifuzi l-flus imhallsa lill Kontrollur huwa jkun qed jaghmel qliegh indebitu. L-attur jirritjeni li l-Kontrollur kien arikkixxa ruhhu mill-izball ta' l-attur meta accetta li jiehu flus li qatt ma kienu dovuti lilu. Ighid li ghalkemm l-attur irkupra l-ispejjez zejda li kellhu jinkorri minhabba l-izball li sar, xorta wahda ma setghax jaghmel in-negozju fuq il-prodotti li kien ippjanat originarjament li jaghmel u dan minhabba z-zieda fil-prezz ikkagunat mill-agir tal-konvenut. Inoltre jsostni li l-gurisprudenza internazzjonali jikkonfermaw il-gurisprudenza lokali (ara nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur noe) li bhala dritt generali kull min ihallas indebitament ghandu dritt ghall-irkupru ta' dak il-flus anke jekk ikun irnexxilu jirkupra t-telf tieghu mod iehor.

Il-konvenut min naha l-ohra jissottometti li fid-data ta' l-importazzjoni tal-prodotti imsemmija l-posizzjoni kienet li l-*levy* kienet dovuta fuq dawn il-prodotti u l-attur kien hallas skond il-klassifika tal-H.S. Code li kienet tghid li *levy* kien dovut. Ghalhekk fil-mument ta' importazzjoni l-attur ma kienx hallas bi zball ghax dak il-mument dik kienet l-interpretazzjoni accettata. Sussegwentement ghall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti d-Dipartiment ta' l-Industrija kien bidel l-interpretazzjoni bl-ebda accenn li dana l-bdil kien se jkollu effett retroattiv. Ghalhekk l-attur ma jistax isostni li l-interpretazzjoni l-gdida ghandha effett retroattiv altriment din tmur kontra l-principju generali tan-

non retroattivita' tal-ligijiet. Il-konvenut jirritjeni li l-attur m'ghandux interess guridiku, partikolarment l-attwalita', billi dan gie ezawrit meta gabar il-levy li thallset meta biegh il-prodott.

**Konsiderazzjonijiet**

Eccezzjoni simili ghal dika sollevata mill-konvenut fil-kawza odjerna kienet giet sollevata u milqugha mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza 418/93 bejn l-istess partijiet fid-9 ta' Gunju 2005. Il-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet li l-interess li l-appellant (illum attur noe) jippretendi li ghandu biex jigbor lura l- *levy,* li huwa stess ammetta li gabar minn sorsi ohra, ma jezistix. L-azzjoni ta' hlas indebitu hija ntiza biex ma thalli lil hadd japprofitta ruhu minn zball li ha haddiehor u sabiex dik il-parti terga' tigi mqieghda fil-posizzjoni li kienet qabel ma hadet l-izball.

Il-fatti f'dika l-kawza u l-fatti f'dina l-kawza huma sostanzjalment l-istess. Fiz-zewg kawzi l-attur noe qed jitlob ir-rifuzjoni tal-flus imhallas minnu bhala *levy* fuq il-prodott impurtat minnu meta skond hu, *levy* ma kienx dovut, u dan indipendentement mill-fatt li hu rkuprah mill-kljenti tieghu.

L-eccezzjoni fiz-zewg kawzi hija l-istess cjoe li l-attur m'ghandux interess guridiku li jitlob lura l-flus imhallsa minnu billi hu gabarhom mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut, u klijenti ohra tieghu u li jekk issa jigborhom ukoll minghand il-konvenut ikun qed jarrikkixxi ruhhu indebitament.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet laqghet l-eccezzjoni tal-appellat (Illum konvenut) ghax sostniet li l-attur noe ma kellux dritt ghar-*refund* tal-*levy* imhallas, billi hu kien gabru minn terzi, u skond l-interpretazzjoni tal-figura ta' l-indebitu, ma kien sar ebda zball.

L-artikolu 1021 u l-Artikolu 1022 tal-Kap 16 jipprovvdi li l-azzjoni ta' "*indebiti solutio*" hi mahsuba biex "*kull min jircevi sew xjentement jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu*

*jroddha lil dak li min ghandu jkun irceviha bla jedd*" (Art 1021). Inoltre "*kull min billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur*" (Art 1022).

L-attur noe iddikjara li hu jaqbel ma' l-esposizzjoni tal-ligi dwar it-talba ta' l-indebitu maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, imma ma jaqbilx ma' l-analisi tal-fatti kif maghmula min dik l-istess Qorti. Izda kif gja rajna l-punt ewlieni f'dina l-kawza li fuqha hija bazat l-eccezzjoni tal-konvenut huwa l-istess bhal fil-kawza 418/93 u cjoe li l-attur noe ma jistax jitlob ir-rifuzjoni tal-*levy* la darba huwa gabarha minghand terzi u ghalhekk jonqos l-attwalita' ta' interess.

L-attur noe ghamel riferenza ghall gurisprudenza lokali (ara nota) li, skond hu, tikkonforta t-tesi tieghu li hu ghandu dritt ghar-refusjoni tal-*levy* u fejn eccezzjoni simili bhal dik sollevata mill konvenut giet respinta. Il-Qorti tirrileva li f'certi kawzi li saret riferenza ghalihom l-kwistjoni ta' interess guridiku ma kienitx tqajment. Sentenzi ohrajn huma anterjuri ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 418/93 li ddecidiet diversament.

Dina l-Qorti ma tiddiskostax ruhha, jekk mhux ghal ragunijiet serji u godda, minn dak deciz minn Qorti ta' Appell, specjalment meta l-fatti huma kwazi identici, u meta l-punt in kontroversja li jkollha quddiemha ikun diga gie deciz definittivament minn Qorti ta' Appell[1].

Kwantu ghall gurisprudenza barranija li saret riferenza ghaliha mill-attur noe partikolarment fuq 'passing on' u 'windfall', il-Qorti, la darba l-ligi taghna tipprovvdi ghall sitwazzjonijiet bhal dik prezenti ta' indebitu, hi trid timxi fuq

[1] Fis-sistema gudizzjarja taghna ma jezistiex dak li hu maghruf bhala "the law of precedent", kif lanqas jezisti l-kuncett parallel ta' "stare decisis". Pero' kif gie stabbilit fil-kawza "Strickland vs Hunter" ( Vol 30 p1 p 446) dan ma jfissirx li fil-Qorti ta' Prim' Istanza, kull Qorti tista' tapplika l-ligi kif jidhrilha meta diga jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' Qorti Superjuri. Ghalkemm Qorti ta' Prim' Istanza mhiex teoritikament marbuta ma' dak li jigi deciz minn Qorti Superjri, ghandhom iharsu lejn dak li jkun gie deciz minnha bl-ikbar rispett u rigward u jiddipartixxu mill-posizzjoni lit kun hadet dik il-Qorti f'kazijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u godda li ghandhom jigu indikati fis-sentenza li jaghtu. Il-principju hu li sentenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni superjuri fuq punt ta' dritt ghandha bhala regola tigi segwita, ghalkemm m'hemmx obbligu preciz in propozitu. (ara Vol XL p 4 p 1147; App Civ Dr.V.Formosa vs Direttur Sigurta Socjati 4 ta' Mejju 1992).

dak li tghid il-ligi taghna u mhux fuq il-ligi jew gurisprudenza barranija. Il-ligi taghna hija cara, u l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghal kaz simili.

Din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghaliex ma taqbilx mad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Jidher li fiz-zmien meta gie mpurtat il-prodott in kwistjoni l-interpretazzjoni accettata mid-Dwana u anke mill-impurtatur kienet li fuq dak il-prodott kellu jithallas il-*levy*. Kien biss zmien wara li gie impurtat il-prodott li d-Dipartiment tal-Industrija tah interpretazzjoni differenti li mbaghad il-konvenut beda jsegwi. Dan pero' ma kienx ifisser li l-interpretazzoni l-gdida kellha tapplika ghall importazzjonijiet kollha li kienu saru precedentement ghal dik l-interpretazzjoni. Ma ngabet ebda prova li l-interpretazzjoni li kienet qed tinghata qabel kienet wahda zbaljata jew li kien sar xi zball. Din kienet wahda mill-interpretazzjonijiet possibili li kienet accettata u li l-konvenut kien japplika sakemm imbaghad tbiddlet. Ligijiet, (specjalment dwar taxxa) jitbiddlu spiss, pero' dan ma jfissirx li l-ligi gdida ghandha tapplika retroattivament.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut
U tichad it-talba ta' l-attur noe
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------